# QORTI ĊIVILI
# Prim' Awla

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Għoxrin (20) ta' Lulju 2021**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 962/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Tonio D'Amato**
**(ID 398093M)**

**Vs**

**Soċjeta' Ċentru Rekrejattiv Guy Boċċi Club Żurrieq,**
**Jason Grixti (171978M) u Gaetano Falzon (620455M).**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab lill-Qorti sabiex, bil-għan illi jiġu kkawtelati d-drittijiet tiegħu, il-Qorti għandha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' l-intimati fejn jiġu inibiti milli:

    *joperaw u/jew jiġġestixxu l-Bar tas-soċjeta' intimata Ċentru Rikrejattiv Guy Boċċi Club Żurrieq u dan peress li l-istess mandat hu meħtieġ biex jitħarsu d-drittijiet tar-rikorrent u dan peress li għalkemm ir-rikorrent għandu favur tiegħu ftehim bil-miktub tat-12 ta' Ottubru 2020 bejnu u bejn s-soċjeta' intimata Ċentru Rikrejattiv Guy Boċċi Club Żurrieq dwar il-kiri u l-ġestjoni tal-istess Bar għal-tliet snin u nofs b'effett mill-1 ta' Novembru*

*2020, kopja ta' liema ftehim hi hawn annessa bħala Dok. 'A', u dan peress li l-istess Bar kellu jibqa' jiġi ġestit mill-intimat Gaetano Falzon, li kien ilu ħafna snin jikri u jiġġestixxi l-istess Bar, sat-30 ta' Ottubru 2020, iżda fil-fatt għadu jiġi ġestit mill-intimat Gaetano Falzon sallum, u dan minkejja li b'ittri tal-konsulent legali tiegħu lis-soċjeta' intimata Ċentru Rikrejattiv Guy Boċċi Club Żurrieq, waħda tat-28 ta' Ottubru 2020 u l-oħra tat-23 ta' April 2021, ir-rikorrent fakkar lill-istess soċjeta' intimata Ċentru Rikrejattiv Guy Boċċi Club Żurrieq fid-drittijiet u fl-obbligi legali li hu kellu versu lejha u fl-obbligi li din kellha versu ir-rikorrenti, li hu ukoll membru regolari tal-istess soċjeta' intimata Ċentru Rikrejattiv Guy Boċċi Club Żurrieq, dwar il-kiri u ġestjoni tal-istess Bar, kopji tal-liema ittri huma hawn annessi bħala Dok. 'B' u Dok. 'Ċ', fis-7 ta' Ġunju 2021, mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, is-soċjeta' intimata Ċentru Rikrejattiv Guy Boċċi Club Żurrieq reġgħet ħarġet sejħa għall-offerti għal-kiri u ġestjoni tal-istess Bar, liema sejħa kellha tibqa' miftuħa sat-28 ta' Ġunju 2021, u għalkemm ir-rikorrent, mingħajr ebda preġudizzju għad-drittijiet tiegħu kollha dwar il-kiri w il-ġestjoni tal-istess Bar skont il-ftehim miegħu bil-miktub Dok. 'A', fit-28 ta' Ġunju 2021 għamel l-offerta tiegħu flimkien ma' Nota li hu hemeż flimkien ma' din l-offerta bid-data tat-28 ta' Ġunju 2021 u li fiha spejga li hu kien qed jagħmel dik l-offerta mingħajr ebda preġudizzju u/jew xi rinunzja da parti tiegħu għad-drittijiet kollha tiegħu naxxenti mill-ftehim Dok. 'A', kopja ta' liema Nota hi hawn annessa bħala Dok. 'D', b'dan li wara il-ħin tal-għeluq tal-offerti fit-28 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrent ġie verbalment infurmat wara li ndaga li l-offerta tiegħu ma kinetx ġiet aċċettata u minflok kienet ġiet aċċettata l-offerta tal-intimat Jason Grixti biex dan jikri u jiġġestixxi l-istess Bar għall-tliet snin b'effett mill-1 ta' Lulju 2021, u dan kollu bi preġudizzju irrimedjabbli għad-drittijiet kollha tar-rikorrent, b'dan li kieku l-intimat Jason Grixti kellu jidħol fil-kirja u/jew fil-ġestjoni tal-istess u/jew l-intimat Gaetano Falzon jerġa jidħol fil-kirja u/jew fil-ġestjoni tal-istess Bar wara t-30 ta' Ġunju 2021 ir-rikorrent isofri preġudizzju irrimedjabbli fit-tħaris tad-drittijiet tiegħu stante li legalment il-kirja w il-ġestjoni tal-istess Bar imissu lir-rikorrent u mhux lis-soċjeta' intimata Ċentru Rikrejattiv Guy Boċċi Club Żurrieq u/jew lill intimat Jason Grixti u/jew lill intimat Gaetano Falzon.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati.*

2. Rat illi fit-30 ta' Ġunju 2020, il-Qorti laqgħet il-Mandat ta' Inibizzjoni provizzorjament filwaqt illi ordnat in-notifika lill-intimati b'għaxart ijiem għar-risposta w appuntat il-Mandat għat-trattazzjoni finali għat-8 ta' Lulju 2021.

3. Rat illi fil-5 ta' Lulju 2021 ġiet ippreżentata r-risposta ta' Jason Grixti u Gaetano Falzon li laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

*It-Talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni għandha tiġi miċħuda.*

*1. L-esponenti jopponu ruħhom għat-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni biex l-intimati jinżammu milli joperaw jew jiġġestixxu l-Bar tas-soċjeta' intimata Ċentru Rikrejattiv Guy Boċċi Club Żurrieq.*

***Fatti***

*2. L-esponenti jirrilevaw mill-ewwel, li għalkemm ir-rikorrent jgħid li kien qed jeżebixxi erba' dokumenti flimkien mar-rikors tiegħu, l-esponenti ma ġew notifikati b'ebda dokumenti, iżda biss bir-rikors innifsu.*

*3. L-esponenti Gaetano Falzon kien ilu snin jikri u jmexxi l-bar tal-intimati Ċentru Rikrejattiv Guy Boċċi Club Żurrieq. Il-kirja tiegħu kellha tiskadi f'Ottubru tas-sena 2020 wara sejħa għall-offerti għall-kiri mill-ġdid. Li ġara kien li fit-tmexxija tas-sejħa għall-offerti kien sar żball li minħabba fih kienet ser tingħata kirja għall-perjodu ta' tlett snin u nofs bi ksur tal-istatut tal-Club li jipprevedi kirjiet sa massimu ta' tlett snin; inoltre din il-kirja, minħabba żball ta' kalkolu, ma kenitx l-aħjar offerta. Dak inhar l-aħjar offerta regolari kienet dik tal-esponent Jason Grixti.*

*4. Minħabba dawn l-irregolaritajiet, il-proċess kollu kellu jiġi mħassar u terġa' toħroġ sejħa għall-offerti ġdida. Intant l-esponent Gaetano Falzon kien baqa' jmexxi l-bar sakemm jingħażel kerrej ġdid.*

*5. Wara li għalqet is-sejħa għall-offerti ġdida, irriżulta li l-aħjar offerta kienet dik ta' l-esponent Jason Grixti, u dak inhar stess ġie ffirmat il-kuntratt ta' kiri. L-esponent Jason Grixti mill-ewwel wasal fi ftehim ma l-esponent Gaetano Falzon u xtara l-equipment kollu tal-bar u l-istock. Fit-30 ta' Ġunju 2021 l-esponent Grixti irċieva ċ-ċwievet u ħa pussess tal-bar, filwaqt li l-esponent Gaetano Falzon inqala' għal kollox mill-ġestjoni tal-istess bar. Dan kien qabel huma ġew notifikati bil-mandat preżenti.*

***Konsiderazzjonijiet***

*6. L-esponent Jason Grixti kien iffirma l-kuntratt ta' kiri tal-bar appena ġie determinat li huwa kien għamel l-aħjar offerta u ħa pussess u t-tmexxija tal-bar fit-30 ta' Ġunju 2021, l-għada tal-festa ta' l-Imnarja. Dan kollu seħħ qabel ġie notifikat bil-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi. Dan ifisser li dak li kien qiegħed jintalab li jiġi inibit milli jsir, filfatt sakemm ħareġ u ġie notifikat il-mandat ta' inibizzjoni kien diġa' seħħ kollu.*

*7. Konsegwentement l-esponenti ma setgħux jiġu aktar inibiti milli jagħmlu dak li diġa' kien sar.*

***Rekwiżiti tal-Mandat ta' Inibizzjoni.***

*8. Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-mandat ta' inibizzjoni huwa intiż biex il-Qorti żżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għal min jitlob il-ħruġ tiegħu. Oltre dan, mandat ta' inibizzjoni jinħareġ biss fejn il-Qorti tkun sodisfatta li jirrikorru s-segwenti rekwiżiti:*

*(a) il-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet ta' min jitlob il-ħruġ tiegħu;*
*(b) il-persuna li titlob il-ħruġ tal-mandat turi li prima facie għandha dawk il-jeddijiet kontra l-intimat. (Art. 873(2), Kap. 12).*

*9. Kif ġie spjegat kemm-il darba minn din il-Qorti, 'bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak.' (Charles Mugliett vs Saviour Bonnici: PA, 21.5.2005).*

*10.Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mhuwiex awtomatiku, aktar u aktar jekk l-iskop tal-mandat jidher li jkun li jagħmel pressjoni fuq l-intimat biex jagħmel jew jaċċetta dak li mhux legalment obbligat li jagħmel jew jaċċetta. Attitudni bħal din kemm-il darba ġiet ċensurata mill-Qrati."Il-Mandati kawtelatorji għandhom skop preċiż u jridu jintużaw biex jiġu salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiż debitur jew għall-pika jew bi ħsieb malizzjuz ieħor." (Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et: PA, 3.7.2003).*

*11.Din il-Qorti tenfasizza li "Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ... Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. ... It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat" (Charles Mugliett vs Saviour Bonnici: PA, 21.5.2005).*

***Ebda Jedd Prima Facie***

*12.Kif diġa' ġie spjegat supra l-esponenti ma ġewx notifikati bid-dokumenti li jissemmew fir-rikors promotur u sa llum ma jistgħux jikkummentaw b'mod dettaljat dwarhom. B'danakollu jiġi osservat li għalkemm huwa veru li f'Ottubru tas-sena 2020 kienet diġa' saret sejħa għall-offerti għall-kiri u t-tmexxija tal-bar, irriżulta mill-ewwel li l-proċess*

*ta' dik is-sejħa kien vizzjat billi bi żball il-kirja saret għal perjodu li ma kienx permess bl-istatut tal-Club. L-offerta ta' Tonio D'Amato ma kinitx lanqas l-aħjar offerta, billi l-aħjar offerta kienet saret mill-esponent Jason Grixti.*

*13.Minħabba f'hekk, wara li saru l-verifiki, il-proċess tħassar. Tant hu hekk li l-esponent Gaetano Falzon intalab jibqa' jiġġestixxi l-bar sakemm tinħareġ sejħa għall-offerti ġdida. Dan kollu r-rikorrent kien jafu tant li, għalkemm pretenda li kellu jidħol fil-ġestjoni tal-bar f'Ottubru 2020, sa tmien xhur wara baqa' ma ha ebda passi bil-Qorti u minkejja r-riżerva li jgħid li għamel, ipparteċipa mill-ġdid fis-sejħa għall-offerti l-ġdida. Huwa kien qed jittama li l-kirja terġa' tingħata lilu, iżda għat-tieni darba huwa ma kellux l-aħjar offerta u din kienet tal-esponent Jason Grixti, li kif diġa' spjegat, iffirma l-kuntratt ta' kiri u daħal fit-tmexxija tal-bar immedjatament u qabel inħareġ dan il-mandat ta' inibizzjoni.*

*14. Fid-dawl ta' dan kollu, huwa ovvju li r-rikorrent prima facie ma għandu ebda jedd fuq xiex jibbaża l-pretensjoni tiegħu. Kieku verament kellu xi jedd kien jieħu passi bil-Qorti tmien xhur ilu u mhux issa meta l-kirja valida ingħatat lill-esponent Jason Grixti.*

*Konsegwentement ukoll anqas ma għandu jedd prima facie biex jottjeni dan il-mandat kif mitlub minnu.*

***Ebda preġudizzju għar-Rikorrenti.***

*15.F'kull każ ir-rikorrent ma jista' jbati ebda preġudizzji bil-fatt li l-mandat ma jinħariġx. Billi jżomm lill-Club u lill-esponent Jason Grixti milli jmexxu l-bar tal-Club, ir-rikorrent mhu ser jieħu ebda gwadann. Għall-kuntrarju, biż-żamma tal-bar magħluq ibati kulħadd. Il-Club ma jdaħħalx il-ħlas tal-kirja, l-esponent Jason Grixti ma jkunx jista' jaħdem u jopera l-bar b'telf finanzjarju evidenti. Jekk xejn, ir-rikorrent, jekk verament jippretendi li jagħmel proċeduri biex jieħu t-tmexxija tal-bar, għandu kull interess li l-bar jibqa' avvjat u miftuħ għax-xogħol u mhux jitħalla jitlef il-patrunaġġ tal-klijenti, speċjalment tal-klijenti regolari.*

***Il-Mandat mhuwiex meħtieġ.***

*16.Fid-dawl ta' dak li ngħad supra huwa evidenti li l-mandat mhux meħtieġ biex jiġi preservat xi jedd li r-rikorrenti jippretendi li għandu. F'kull każ il-jedd li r-rikorrent jippretendi li għandu huwa wieħed monetarju. Bil-ġestjoni tal-bar huwa qed ifittex li jagħmel qliegħ. Għalhekk l-azzjoni tiegħu tirriżolvi ruħha f'waħda għall-ħlas tad-danni jekk jingħata raġun fil-meritu. Kif diġa' ngħad, bl-egħluq tal-bar huwa ma hu ser jigwadanja xejn.*

*17.Fil-konfront tal-esponent Gaetano Falzon, il-mandat mitlub huwa għal kollox żejjed u bla valur. L-esponent Falzon diġa' spossessa ruħu kemm mill-kirja, kemm mit-tmexxija tal-bar u addirittura mill-attrezzi kollha tal-istess. Għalhekk ma hemm xejn x'jinżamm milli jagħmel.*

***Konklużjoni***

*18.Għalhekk, fid-dawl tal-fatti kollha kif hawn fuq spjegati, ma tirriżultax il-prova prima facie rikjesta mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni. Għall-kuntrarju, jirriżulta almenu f'dan l-istadju tal-prima facie, li r-rikorrent m'għandu ebda jedd prima facie x'jikkawtela.*

*19.Għar-raġunijiet esposti, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha tiċħad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

4. Rat illi fis-7 ta' Lulji 2021, s-Soċjeta' Ċentru Rekreattiv Guy Boċċi Club Żurrieq laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet s-segwenti difiżi:

***1. Introduzzjoni***

*1.1 Dan ir-rikors għandu jiġi miċħud għaliex minn kwalunkwe perspettiva legali li tħares lejh ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi għall-ħruġ ta' mandat ta' din ix-xorta.*

*1.2 Fl-ewwel lok, it-talba tar-rikorrent tirrigwarda fatt li huwa kompjut. Fit-tieni lok, evidentement, u fuq stqarrija tar-rikorrent stess l-unika rimedju li semmai jista' jkun li għandu huwa wieħed fid-danni. Fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju, ir-rikorrenti m'għandu l-ebda dritt prima facie.*

***2. Il-Fatti fil-Qosor***

*2.1 L-intimata hija għaqda li l-għanijiet ewlenin tagħha huma l-eżekuzzjoni tal-logħba tal-boċċi fiż-Żurrieq. Din l-għaqda hija regolata skont statut (hawn anness u mmarkat Dokument "BC1") li fih ukoll regolamenti ta' kif għandu jiġi ġestit bar li hemm biswit il-pitch minn fejn jintlagħbu l-boċċi.*

*2.2 Il-kwistjoni kollha hija dwar il-ġestjoni ta' dan il-bar li llum hija fdata f'idejn l-intimat l-ieħor Jason Grixti għall-perjodu ta' tlett snin mill-1 ta' Lulju 2021 sa l-aħħar ta' Ġunju 2024.*

*2.3 Dan wara li sar proċess ta' sejħa ta' offerti u wara tali sejħa, li għalqet fit-28 ta' Ġunju 2021, Jason Grixti ntagħżel bħala l-*

*individwu biex jiġġestixxi l-imsemmi bar. Il-komunikazzjoni ta' dan lil Jason saret dakinhar stess tat-28 ta' Ġunju 2021.*

2.4 *Ir-rikorrent kien ukoll wieħed mill-offerenti, però l-offerta tiegħu ma ntagħżlitx.*

2.5 *Qabel dan il-proċess ta' sejħa għall-offerti, il-bar kien ilu magħluq sa minn bejn wieħed u ieħor Ottubru 2020 (minħabba fil-COVID 19).*

2.6 *Kien biss issa f'Lulju 2021 li l-bar seta' jerġa' jiftaħ.*

2.7 *Qabel l-egħluq tal-bar kien hemm sejħa għall-offerti oħra li fiha wkoll kien ipparteċipa r-rikorrent.*

2.8 *Din is-sejħa kienet għalqet fit-12 ta' Ottubru 2020 pero' ftit ġranet wara din is-sejħa, kull min kien offra, inkluż ir-rikorrent kien ġie nfurmat permezz ta' ittra datata 22 ta' Ottubru 2020 li l-offerta kienet ġiet ikkanċellata. Kull min kien offra, inkluż ir-rikorrent, kien ġie rifuż it-tletin ewro li kien ħallas ma l-offerta. Kopja ta' din l-ittra li ngħatat lir-rikorrent flimkien mar-rifużjoni tal-flus, hija hawn annessa u mmarkata Dokument "BC 2". F'dan il-perjodu u għal xhur twal wara, il-bar baqa' mhux miftuħ.*

2.9 *Fit-28 ta' Ottubru 2020, l-avukat tar-rikorrent kien kiteb lill-intimata u din l-ittra ġiet mwieġba fil-11 ta' Novembru 2020 (kopja annessa bħala Dokument "BC3").*

2.10 *Il-ftehim li jissemma fl-ittra ta' l-avukat Mifsud tat-28 ta' Ottubru 2020 mhu ftehim xejn iżda biss firma fuq ir-regolamenti tal-bar kif jidher minn dokument "A" anness mar-rikors promotur. Dwar dan però, iktar 'il quddiem.*

2.11 *L-istess risposta ngħatat lill-avukat tar-rikorrent skond ittra dokument "BC 4" datata 30 ta' April 2021.*

2.12 *Kif ingħad meta deher li l-attivita fil-bar setgħet terġa' tibda, nħarġet sejħa għal offerti oħra u din għalqet fit-28 ta' Ġunju 2021. Fil-perjodu li fih din is-sejħa kienet miftuħa, ir-rikorrent issottometta offerta oħra u f'dan il-każ din l-offerta saret mingħajr ebda preġudizzju 'għall-ħlas ta' danni attwali u / jew morali diġà sofferti..."*

2.13 *Kif ingħad, ir-riżultat ta' din is-sejħa għall-offerti kien li Jason Grixti, l-intimat l-ieħor, jintagħżel biex jikri u jiġġestixxi l-imsemmi bar.*

## *3. Fatt Kompjut*

*3.1 Fid-data meta l-intimata ġiet notifikata b'dan il-mandat, jirriżulta illi Jason Grixti kien diġà ntagħżel biex jiġġestixxi l-bar għat-tlett snin li jmiss. Dan ifisser li dak li qiegħed jitlob ir-rikorrent u ċioe' li l-intimati jiġu mwaqqfa milli joperaw jew jiġġestixxu l-imsemmi bar, dan diġà sar. Fi kwalunkwe każ, u għal finijiet ta' preċiżjoni, l-intimata ma toperax jew tiġġestixxi hi, iżda skond l-eżitu tas-sejħiet li tagħmel, jopera l-bar terz, f'dan il-każ l-intimat l-ieħor Jason Grixti.*

## *4. Rimedju biss fid-danni*

*4.1 F'digriet mogħti mill-Qorti tal-Kummerċ fuq talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, dik il-Qorti qalet:*

*"il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-artikolu 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens, li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata."*

*4.2 Id-digrieti jgħallmu illi t-tieni rekwiżit taħt l-Art. 873(2) tal-kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa proprju illi l-mandat irid ikun 'meħtieġ' jew kif indikat fit-test Ingliż 'necessary'. Jgħallmu in oltre illi l-"mandat (ta' inibizzjoni) ... huwa mezz eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali. Il-ħarsien li timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli."*

*4.3 L-esponenti tissottometti li r-rimedju mitlub mir-rikorrent mhux, kif rikjest mil-liġi, neċessarju sabiex dak id-dritt jiġi mħares jew, fil-verżjoni bl-Ingliż tal-Kap. 12, 'preserved'.*

*4.4 Wieħed jistaqsi x'inhi l-ħsara li fir-realta' jilmenta minnha r-rikorrent. Fuq stqarrija tiegħu stess meta hu ssottometta t-tieni offerta tiegħu, l-ħsara hija biss – semmai – waħda finanzjarja konsistenti f'danni, skond hu, attwali u / jew morali li sofra jew jista' jsofri.*

*4.5 Kif diversi drabi ritenut mill-Qrati tagħna: "il-preġudizzju ma jridx ikun wieħed ta' natura finanzjarja għax bħala tali dan hu rimedjabbli purche jkun hemm l-assi għalih."*

4.6 *F'dan il-każ fuq stqarrija tar-rikorrent stess, il-preġudizzju semmai huwa wieħed purament u esklussivament finanzjarju. Ir-rikorrent jilmenta li ma ngħatax il-ġestjoni tal-bar skond kif, skont hu, ħaqqu. Pero' dan jista' jsarraf biss f'telf finanzjarju, jekk xejn. Kif wara kollox jgħid hu stess. Il-Qrati tagħna huma ċarissimi fuq dan il-punt u jgħallmu illi: "... huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għall-kumpens kwantifikabbli u l-ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi. Tqis li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti għandhom rimedji proċedurali oħrajn inqas eċċezzjonali mogħtijin lilhom mil-liġi li bihom il-jeddijiet tagħhom jistgħu jitħarsu fil-konfront ta' xi għemil rejali jew mistħajjel ta' l-intimati."*

4.7 *Għaldaqstant, stante li f'dan il-każ il-ħsara li jilmenta minnha r-rikorrent hija biss ta' natura finanzjarja u dan kif mistqarr minnu stess u stante wkoll li ma hemm ebda allegazzjoni li xi wieħed mill-intimati ma jagħmilx tajjeb għal din il-ħsara, jsegwi li m'hemmx il-preġudizzju meħtieġ li teżiġi l-liġi sabiex jinħareġ dan il-mandat.*

4.8 *Jekk tassew jista' li għandu xi dritt ir-rikorrent, dan ma jistax ikun ħlief li jirreklama d-danni, kif wara kollox qed jitlob hu stess. Huwa ċar li l-proċess ta' l-għażla issa sar u d-deċiżjoni ttieħdet favur Jason Grixti (l-intimat l-ieħor). Ta' min jirrileva hawnhekk li kwalunkwe offerta tista' tiġi rifjutata għal kwalunkwe raġuni. Kwindi ċertament li r-rikorrent ma jistax jgħid li l-bar għandu xi dritt li joperah hu minflok is-Sur Grixti. L-offerta tiegħu ġiet rifjutata u dwar dan m'għandu l-ebda rimedju għaliex l-istatut huwa ċar daqs il-kristall dwar dan il-punt. Jekk ir-rimedju li qiegħed jivvanta huwa għaliex – skont hu – hemm xi ftehim – dan lanqas ma jista' jsarraf f'rimedju skont dan l-inibizzjoni. Fl-ewwel lok m'hemm l-ebda tali ftehim, u fit-tieni lok, ir-rimedju li hu stess qiegħed jinvoka huwa wieħed fid-danni kif jirriżulta mill-bran fuq ċitat. Finalment, meta r-rikorrent aċċetta l-kanċellament u flusu lura hu rrinunzja għal kwalunkwe dritt ta' kontestazzjoni dwar dik l-ewwel sejħa. Jekk tassew dehrlu li kellu xi dritt kellu jipprova jżomm din it-tieni sejħa milli ssir mhux jipprova jieħu ċans, u issa li ma ġietux żewġ, jara kif ser jfixkel l-operat meta dan issa huwa avvjat u operat minn ħaddieħor.*

4.9 *Fuq din il-bażi biss, dan ir-rikors għandu jiġi miċħud.*

## 5. *Ebda dritt prima facie*

5.1 *Ir-rikorrent m'għandux il-jedd prima facie kif jeżiġi l-*Art. 873 tal-*Kap.* 12 *tal-Liġijiet ta' Malta.*

5.2 *Il-ġurisprudenza tgħallem li l-mandati kawtelatorji huma odjużi. Il-Qorti ta' l-*Appell *f'Angelo Joseph Said v. Ronald Said tgħid illi:*

*"il-mandati kawtelatorji, appuntu għaliex isiru fi żmien meta l-kreditu jew pretensjoni għad ma jkunux ġudizzjarjament aċċertati u stabbiliti, huma odjużi u d-*disposizzjonijiet tal-*liġi dwarhom għandhom jirċievu interpretazzjoni rigoruża."*

5.3 *Il-liġi stess tirrikonoxxi dan l-aspett ta' tali mandati billi fil-każ* partikolari tal-*mandat ta' inibizzjoni, twiddeb f'terminoloġija mqiegħdha, insolitament, fin-negattiv, li mandat m'għandux jinħareġ jekk ma jkunx meħtieġ (bl-Ingliż 'necessary') biex jiġi salvagwardjat dritt li jrid jirriżulta prima facie.*

5.4 L-*esponenti* tissottometti *li biex ir-rikorrenti* tissodisfa *lil din l-Onorabbli Qorti li għandha dritt prima facie, tali dritt irid, mad-daqqa t'għajn, jirriżulta ċar: ċioe' l-ġudizzju immedjat, però rivedibbli, li hi mitluba tagħmel il-Qorti, irid iwassalha għall-konklużjoni li r-rikorrent għandu d-dritt minnu vantat. Mhux li jista' jkun li għandu dak li l-Ingliżi jsejħulu 'an arguable case' imma li għandu, mal-ewwel daqqa t'għajn raġun.*

5.5 *Fi kliem ieħor, jekk il-punt hu dibattibbli, u hu diffiċli li wieħed jieħu veduta mingħajr studju iktar approfondit, allura l-liġi tidderieġi lill-Qorti li għandha tirrifjuta t-*talba. *Ir-ratio legis huwa ċar: ħadd m'għandu jiġi mwaqqaf milli jagħmel xi ħaġa ħlief fejn b'ġudizzju jirriżulta li m'għandux dritt jagħmilha jew, b'mod kawtelatorju fejn jidher ċar, ma l-ewwel daqqa t'għajn li m'għandux dak id-*dritt. Anzi, *fil-każ tal-mandat, irid jiġu wkoll sodisfatt ir-rekwiżit tan-neċessita, li kif ingħad fir-raba' paragrafu ta' din ir-*risposta, huwa element evidentement mankanti.

5.6 Minn kliem il-*liġi nnifisha, dawn iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wieħed minn dawn ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura hija waħda maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-*Qorti *fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-*smigħ *tal-kawża dwar l-*istess jedd.

5.7 Fil-*każ odjern, mingħajr preġudizzju għar-*risposti kollha *preċedenti, lanqas ma jirriżulta dan id-*dritt prima facie.

*5.8 Jidher li r-rikorrent jistrieħ fuq 'il-ftehim' datat 12 ta' Ottubru 2020.*

*5.9 Dan id-dokument huwa biss rappreżentazzjoni tar-regolamenti tal-bar kif tixħed l-intestatura stess tad-dokument. Id-dokument għadu jitkellem dwar l-offerta f'varji paragrafi fosthom: "Peress li l-offerti ser isiru għal tlett snin, kull min hu nteressat, l-offerta trid tkun somma globali fuq tlett snin..." "Biex wieħed jieħu l-Bar irid ikun ilu li ħallas is-soċi għal tlett (3) darbiet wara xulxin" u "Kull offerta vantaġġjuza tista' tiġi rrifjutata." Di piu, id-dokument in kwistjoni li jikkonsisti fil-kondizzjonijiet ta' l-offerta lanqas ma biss jindika l-kera li l-operatur għandu jħallas lill-esponenti – punt fundamentali biex din il-kirja tal-bar tkun waħda valida. Dan id-dokument ma jistax jiġi meqjus li huwa xi ftehim li permezz tiegħu r-rikorrent ingħata xi drittijiet. Di piu l-istatut stess jeżiġi illi "Min jaċċetta li jieħu l-Bottegin/Bar ikun irid jiffirma ftehim u kundizzjonijiet li jagħmillu l-Kunsill." Dan il-ftehim baqa' ma ġiex iffirmat u kwindi ma hemm l-ebda dritt prima facie li fuqu jista' jistrieħ ir-rikorrent.*

*5.10 Finalment, jibqa' wkoll il-fatt li s-sejħa li kienet għamlet l-esponenti lura f'Ottubru 2020, ġiet ikkanċellata. Li dwar dan ġie nfurmat ir-rikorrent u ngħata lura lilu l-ammont li hu kien ħallas bħala parti mill-offerta. Ir-rikorrent ħa flusu lura. Ir-rikorrent saħansitra ppparteċipa fit-tieni sejħa li saret riċentement. Huwa minnu li din għamilha b'riżerva għal kwalunkwe drittijiet tiegħu però huwa fundamentali li jingħad li (i) ir-riżerva hija waħda purament finanzjarja u kwindi ir-rimedju mitlub b'dan il-mandat ma jistax jingħata u (ii) fi kwalunkwe każ hu aċċetta lura flusu wara li ġiet kanċellata l-ewwel sejħa. Huwa ċar li r-rikorrent qed jipprova jibbenefika kif jista' fis-sens illi li kieku ntagħżel hu, skont il-proċess tat-tieni sejħa, hu ma kienx ser jivvanta l-allegat 'ftehim'. Issa li ma ntagħżilx, il-'ftehim' li skont hu ntlaħaq reġa' darb' oħra f'daqqa waħda sar rilevanti u skont hu jintitolah għal din l-inibizzjoni. Li kieku tassew kien jemmen li kien hemm xi ftehim ir-rikorrenti, hu kien iżomm il-proċess tat-tieni sejħa milli jsir u mhux li jara dak kif imur, imbgħad jimxi minn hemm. Dan kollu juri kemm tassew ir-rikorrent m'għandux raġun lanqas fuq il-kwistjoni tad-dritt prima facie.*

## *6. Konklużjoni*

*6.1 Għal dawn ir-raġunijiet kollha, hija l-umli fehma ta' l-esponenti illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

5. Rat illi fit-8 ta' Lulju 2021, fuq talba tar-rikorrent, is-seduta ġiet differita għall-15 ta' Lulju 2021.

6. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, mogħtija fil-15 ta' Lulju 2021, wara liema trattazzjoni ir-rikors ġie differit għall-digriet finali għallum.

**Konsiderazzjonjiet legali**

7. Jirriżulta illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita' milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

8. Jirriżulta ukoll illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

9. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minn dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16 LM fl-ismijiet "**Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et**" deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, fejn, dwar l-elementi rikjest għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

> *Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*
>
> *(1) <u>ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti</u>: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*
>
> *(2) <u>iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd</u>: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall ħruġ tal-Mandat.*
>
> *Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet* ***Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et*** *deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:*

> *"Tqis illi huwa wkoll miżmum li il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn ilpretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*

*(3) <u>ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd</u>: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

> *"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Ara* **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** *mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

> *"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara* **Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti**, *Prim' Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

## Fatti

10. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi s-soċjeta' intimata hija Ċentru Rikreattiv illi l-għan tagħha hija li tippromwovi l-logħba tal-boċċi fuq il-faċilita' tagħha u torganizza varji attivitajiet oħra u, fost l-affarijiet illi għandna, tamministra Bottegin/Bar, li hija tagħti b'offerti lill-terzi għal perjodu ta' bejn sena u tlett snin.

11. Jirriżulta illi fit-12 ta' Ottubru 2020, wara li l-operatur li kien qiegħed jiġġestixxi l-bar, ossija Gaetano Falzon għarraf li xtaq jieqaf, inħarġet sejħa għall-offerti, u ċ-Ċentru Rekreattiv għażel l-offerta illi kien għamel ir-rikorrent għall-bar, liema offerta kienet iżda għall perjodu ta' tlett snin u nofs.

12. Jirriżulta illi, bħala parti mill-kundizzjonijiet tal-offerta, min jintgħażel irid jiddeposita ammont ta' €1,000 bħala depositu.

13. Jirriżulta illi fit-22 ta' Ottubru 2020, ic-Ċentru Rikreattiv għarraf lir-rikorrent illi s-sejħa għall-offerti kienet qiegħda tiġi kkanċellata w it-tletin Euro (€30) illi huwa bagħat flimkien mal-offerta kienet qed tiġi lilu rifuża.

14. Jirriżulta illi fit-28 ta' Ottubru 2020, ir-rikorrent kiteb liċ-Ċentru u għarrafhom illi jistenna li mill-1 ta' Novembru 2020 jibda jopera minn ġewwa tali Bar.

15. Jirriżulta illi fil-11 ta' Novembru 2020, ic-Ċentru Rikreattiv reġa' kiteb lir-rikorrent, tramite l-konsulent legali tagħha, fejn għarrfitu, għal darba oħra, illi s-sejħa tal-offerti kienet ġiet irtirata u ma kien ġie ffirmat ebda ftehim.

16. Jirriżulta illi sussegwentement, f'Ġunju 2021, reġgħet ħarġet sejħa għall-offerti, fejn tefgħu offerti kemm ir-rikorrent kif ukoll Jason Grixti, u fit-28 ta' Ġunju 2021 ic-Ċentru Rekreattiv għażel l-offerta ta' Jason Grixti.

17. Jirriżulta, nelfrattemp, imma minħabba fir-restrizzjonijiet kkawżati mill-pandemija Covid-19, il-bar kien ilu magħluq minn Ottubru 2020 u reġa' nfetaħ biss f'Lulju 2021.

18. Jirriżulta illi fit-30 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrenti ppreżenta l-proċeduri odjerni sabiex jinibixxi l-ġestjoni tal-Bar peress illi, abbażi ta' ftehim datat 12 ta' Ottubru 2020, huwa jikkontendi illi l-ġestjoni tal-Bar kellu jsir minnu.

19. Jirriżulta wkoll illi, fil-mori tal-proċeduri odjerni, ippreżenta rikors fejn talab li l-intimati jinsabu ħatja ta' disprezz peress illi fl-1 ta' Lulju 2021 huma operaw il-ħanut minkejja l-ordni tal-Qorti.

## Disprezz

20. Jirriżulta illi r-rikorrent jikkontendi illi, minkejja l-ordni tal-Qorti sabiex ma jopera ħadd mill-ħanut, l-intimati xorta operaw il-ħanut, u għalhekk kienu ħatja ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.

21. Jirriżulta illi, għal dan il-għan, huwa ppreżenta serje ta' ritratti li juru illi l-post kien miftuħ.

22. Jirriżulta, madanakollu, illi minkejja li ppreżenta sett ta' disgħa ritratti, ebda ritratt ma għandu referenza jew indikazzjoni ta' meta attwalment ittieħdu, fatt li faċilment seta' jiġi riprodott fir-ritratti stess u li, mingħajr tali indikazzjoni, din il-Qorti ma hijiex f'posizzjoni tqis jekk attwalment tali ritratti ittieħdux fl-1 ta' Lulju 2021, kif jistqarr ir-rikorrent, jew f'data oħra.

23. In vista ta' tqis nuqqas ta' prova, il-Qorti ma tistax tqis ulterjorment ir-rikors ta' disprezz intavolat mir-rikorrent.

## Inibizzjoni

24. Jirriżulta illi r-rikorrent jibbaża l-azzjoni odjerna tiegħu fuq ftehim illi huwa jgħid illi laħaq maċ-Ċentru Rikreattiv fit-12 ta' Ottubru 2021, li huwa ppreżenta permezz ta' nota wara li ppreżenta l-Mandat ta' Inibizzjoni.

25. Il-Qorti tibda billi tosserva illi d-dokument ippreżentat mir-rikorrent ma huwa xejn aktar għajr Regolamenti dwar l-operat tal-Bar u s-sejħa għall-offerti, liema dokument jidher, madanakollu, illi huwa ffirmat minn rappreżentanti taċ-Ċentru Rikreattiv u r-rikorrent.

26. Il-Qorti tosserva wkoll illi tali dokument imkien ma juri illi hemm ftehim finali milħuq bejn il-partijiet, tant illi l-istess ftehim ma jindika ebda ammont ta' kera li hija dovuta kif ukoll jimponi illi min jintgħażel bħala barman irid jagħmel depositu ta' €1,000, liema depositu jidher illi qatt ma kien sar mir-rikorrent, kif del resto ammess mill-istess rikorrenti fl-ittra tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2020.

27. Jirriżulta wkoll illi, permezz ta' żewġ ittri, datati 22 ta' Ottubru 2020 u 11 ta' Novembru 2020, ir-rikorrenti ġie mgħarraf illi s-sejħa tal-offerti kienet ġiet ikkanċellata.

28. Jirriżulta, finalment, illi meta nħarġet is-sejħa f'Ġunju 2021, ir-rikorrent reġa' tefa' l-offerta tiegħu, għalkemm indika illi kien qiegħed jirriserva d-drittijiet tiegħu dwar danni attwali u morali minnu sofferti.

## Ikkunsidrat

29. Jirriżulta illi l-intimati, fir-risposti tagħhom iqajjmu żewġ kwistjonijiet prinċipali in opposizzjoni ta' dak mitlub: li r-rikorrent ma għandu ebda dritt 'prima facie' u illi r-rikorrent ma għandu ebda preġudizzju irrimedjabbli.

30. Dwar l-eċċezzjoni tal-prima facie, il-Qorti tosserva, kif ġia rrilevat aktar il-fuq, illi l-azzjoni tar-rikorrent huwa bbażat fuq allegat ftehim illi sar fit-12 ta' Ottubru 2020. Madanakollu, dina l-Qorti ma għandha ebda diffikulta' illi tikkonkludi illi, fuq bażi prima facie, tali dokument ma huwa ftehim xejn – huwa biss regolamenti tal-operat tal-bar. Il-ftehim ma għandu ebda rabta ta' ħlas ta' kirjiet fuq ir-rikorrent u ma għandu ebda obbligu fuq iċ-Ċentru Rikreattiv.

31. Il-Qorti tifhem illi tali ftehim seta' kien parti minn negozjati illi kien qiegħed jagħmel iċ-Ċentru Rikreattiv sabiex l-operat tal-bar jingħata lill-persuna oħra wara illi Gaetano Falzon għarrafhom li ma riedx ikompli – madanakollu, tali dokument ma jista' qatt jitqies bħala ftehim vinkolanti fuq il-partijiet, peress illi jonqos wieħed mill-elementi bażiċi ta' kuntratt, ossija dak tal-ħlas.

32. Il-Qorti tosseva wkoll illi ċ-Ċentru Rikreattiv, ftit jiem wara, għarraf lir-rikorrenti illi s-sejħa għall-offerti kienet ġiet ikkanċellata u sussegwentement, wara illi ċ-Ċentru ħareġ sejħa oħra mill-ġdid, ir-rikorrent reġa' tefa' l-offerta tiegħu, b'riserva

għad-danni minnu sofferti, indikazzjoni ċara illi r-rikorrent kien ben a korrent tal-fatt illi qatt ma kien hemm ftehim preċedentement.

33. Għalhekk, ma jirriżultax illi r-rikorrenti għandu xi dritt prima facie x'jipproteġi, u għalhekk ma jissussistix tali element ewlieni għall-ħruġ tal-Mandat odjern.

34. Dwar preġudizzju irrimedjabbli, il-Qorti tosserva illi fl-intimazzjoni illi għamel ir-rikorrent liċ-Ċentru Rikreattiv, huwa saħaq li sofra danni, liema danni, huwa ben risapunt, ma huwiex kkunsidrat mill-Qrati nostrani bħala preġudizzju irrimedjabbli, iżda huwa dritt illi, jekk iħoss li huwa għandu, huwa jista' jipproċedi dwarhom irrispettivament minn jekk tali Mandat jiġix akkordat jew le.

35. Għalhekk, jirriżulta ċar wkoll illi l-element ta' preġudizzju irrimedjabbli huwa nieqes ukoll minn tal-proċedimenti.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fit-30 ta' Ġunju 2021 billi:

**Tiċħad** it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif redatt, u għalhekk;

**Tirrevoka** contrario imperio d-digriet tagħha tat-30 ta' Ġunju 2021.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu a kariku tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**